**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**App. Nru. 199/2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Josef Zammit, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 50492(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Frar 2012 għall-ħabta ta' 12:30hrs u fil-ħin ta' qabel fi Triq it-8 ta' Diċembru, Bormla, u f'dawn il-Gżejjer:

(1) saq vettura Nru. CLR-310 b'manjiera perikoluża;
(2) saq vettura Nru. CLR-310 b'manjiera traskurata;
(3) saq vettura Nru. CLR-310 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

(4) saq vettura Nru. CLR-310 mingħajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(5) saq vettura Nru. CLR-310 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` għat-Trasport ta’ Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imċedda);
(6) sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 14/12/2009 (Maġistrat Dr. S. Scerri Herrera LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
(7) kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 b’sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 07/04/2009 (Maġ. Dr. A. Micallef Trigona LL.D.), 22/6/2009 (Maġ. Dr. A. Vella LL.D.) u 16/07/2010 (Maġ. Dr. A. Mizzi LL.D.) rispettivament.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Josef Zammit jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-23 ta’ April 2013 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Josef Zammit ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba u kkundannatu piena ta’ tliet (3) xhur priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Josef Zammit ppreżentat fis-6 ta’ Mejju 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ ħtija, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena ta’ tliet (3) xhur priġunerija tissostitwixxi għall-istess piena, piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet ix-xhieda mill-ġdid; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu aggravju wieħed li huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva u sproporzjonata meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-każ u d-dinamika tal-inċident li seħħ.

**6.** Issa, il-prinċipju regolatur in materja ta’ piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma

tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

**7.** Kwantu għall-piena m'hemmx dubju li din hija fil-parametri tal-liġi.

**8.** Din il-Qorti, pero`, tosserva fl-ewwel lok rigward is-sitt imputazzjoni li ma jirriżultax li sar il-ħlas tal-multa nflitta bis-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 2009. Għalhekk ma jistax jingħad li l-piena ġiet skontata. Konsegwentement mhuwiex applikabbli l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**9.** Rigward is-seba' imputazzjoni mbagħad jirriżulta li l-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef sedenti f'dan l-appell, b'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2010 diġa` ttrattat ma' l-istess appellant dwar is-sentenzi tas-7 ta' April 2009, tat-22 ta' Ġunju 2009 u tas-16 ta' Lulju 2010.

**10.** Quddiem din il-Qorti, id-difensur ta' l-appellant talab li jsir *pre-sentencing investigation report*, talba li ntlaqgħet minn din il-Qorti. L-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud hejjiet dan ir-rapport mnejn tirriżulta tfulija u żgħożija pjuttost turbolenti fejn l-appellant beda jsibha diffiċli jikkontrolla r-rabja u l-aggressjoni tiegħu u anke beda jabbuża mid-droga. Is-sitwazzjoni domestika ma tantx għenet. L-uffiċjal tal-*probation* issuġġeriet illi l-appellant jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* sabiex jiġi żgurat li jingħata gwida u sens ta' direzzjoni u jitwettaq l-pjan ta' kura li tqis neċessarju. Ta' min jgħid li anke l-uffiċjal prosekutur stqarr ma' l-uffiċjal tal-*probation* li ma jqisx piena effettiva ta' ħabs bħala piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

**11.** Għalkemm l-uffiċjal tal-*probation* irrakkomandat li l-appellant jitqiegħed taħt ordni ta' *probation*, l-artikolu 3(2B) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprekludi l-applikazzjoni ta' l-Att dwar il-*Probation* f'każ ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Inoltre, din il-Qorti hi anke prekluża milli tagħmel ordni ta' superviżjoni peress illi l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li tali ordni tista' ssir meta sentenza ta' <u>iktar minn sitt xhur priġunerija</u> tkun ġiet sospiża. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, pero`, u wara li kkunsidrat il-kontenut tar-rapport ta' l-uffiċjal tal-*probation*, tqis li sentenza effettiva ta' priġunerija tkun aktar ta' detriment milli ta' ġid u għaldaqstant sejra tgħaddi biex tittratta ma' l-appellant b'sentenza sospiża ta' priġunerija.

---

[1] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni, in kwantu jirrigwarda l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u s-seba' imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu tliet xhur priġunerija effettivi u minflok tikkundannah xahrejn priġunerija, liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Josef Zammit bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
D/Reg